# ANAKREONTIKA

*Ta'* Jos. Galea

*Lil M. K.*

Xtaqt darba ngħanni
Tas-swar il-qawwa u tat-taqtigħ il-ħerra,
Il-bgħid, is-swat, il-qtil, il-biki, id-dmugħ,
Il-qilla tar-rebbieħ li ħuiena stmerra
Mal-għadu mwaqqa' fl-art midrub, mirbuħ.

Ġelben minn fommi
Flok ħsejjes ta' dagħdigħ, leħen li jżiegħel,
Leħen ta' ħlewwa li d-demm qatt ma tabba':
U flok ġrajja tal-ħemm Alla mar ġiegħel
Minn qalbi tnixxi biss għanja ta' mħabba.

Ridt ngħanni darba
Il-qawwa tal-kbarat li jaħkmu għarfu
Saltnat u ġnus bis-saħħa ta' ħadidhom,
Li b'ħeġġa u b'ħila ħabtu għal bliet u ġarrfu
U rieghxu u rażżnu l-kbar eluf taħt idhom.

Feġġet minn fommi
Għanja ta' xewqa li mid-dehra trabbet
Ta' żewġ għajnejn swejdin li ġmamar kebbsu
U xegħlet qalbi msejkna fis u ħabbet. . .
U l-ġrajja żorra nsejt li l-qalb iwebbsu.